MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru. 414/2010

**Il-Pulizija
Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Graciann Cachia**

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Graciann Cachia ta' 31 sena, bint Edward u Marianna nee 'Galea, imwielda Pieta' fit-30 ta' Gunju 1978 u residenti 4, 'Edwann', Triq Santu Formosa, Zurrieq u detentrici tal-karta tal-identita' numru 345778(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Bejn Mejju 2009 u Frar 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet

foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-socjeta’ Premier Restaurant Limited operaturi tar-restaurant McDonald’s sitwat gewwa l-MIA, ai termini ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lillha taht titolu illi jgib maghha l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tas-socjeta’ Premier Restaurant Limited operaturi tar-restaurant McDonald’s sitwat gewwa l-MIA, ai termini ta’ l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-pieni skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Saru s-sottomissjonijiet mill-Ufficjal Prosekutur u mid-Difiza.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-24 ta’ Settembru, 2010 ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur ddikjara l-ewwel(1) akkuza inghat bhala alternattiva ghat-tieni(2) akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ko-operat bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet, kkunsidrat ukoll l-fatt li ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li ghandha fedina penali netta u l-fatt li l-vittma giet rrimborsata interament ghdad-dannu minnha sofferti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum. Stante li l-ewwel(1) akkuza inghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) akkuza li taghha l-imputata qed tinsab hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-
proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------